**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Illum, il-Ħamis, 11 ta' Awwissu, 2022**

**Rikors Nru: 558/2022**

**Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022 fl-ismijiet:**

***MARIA DOLORES SIVE DORIS MAGRO***

***VS.***

***LEONARD VELLA PERSONALMENT U BĦALA PROPRJETARJU FI ĦDAN DELUXE CONSTRUCTION CO LTD U MARITA RITA VELLA***

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa digriet finali dwar it-talbiet mressqa minn Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u minn Maria Rita Vella sabiex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 825/2022 CFS safejn dan jolqot kemm lil Maria Rita Vella u kif ukoll lil Leonard Vella, fil-kwalità hawn fuq imsemmija;

***Daħla / Fatti***

2. B'rikors imressaq fl-**<u>24 ta' Ġunju, 2022</u>**, Leonard Vella *nomine* u Maria Rita Vella fissru li fis-17 ta' Ġunju, 2022, huma ġew milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 825/2022, fl-ammont ta' €500,000;

3. Min-naħa tiegħu, Leonard Vella ġie milqut b'dan il-mandat kemm f'ismu stess u kif ukoll bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd. Ir-rikorrenti spjegaw li r-raġuni li ngħatat minn Maria Dolores Magro għall-ħruġ ta' dan il-mandat kienet li huma għandhom jagħtuha xi flus minħabba li ma ħarsux kuntratt ta' self. Dan il-kuntratt ġie mehmuż mat-talba għall-ħruġ tal-mandat;

4. Iż-żewġ rikorrenti qalu li fuq dan il-kuntratt ta' self, kienu dehru biss min-naħa l-waħda, Leonard Vella fil-kwalità personali tiegħu bħala debitur u min-naħa l-oħra Maria Dolores Magro, Isabelle Borġ Magro u Robert Margo flimkien bħala kredituri. Minbarra dan, ġie spjegat ukoll li minkejja li Maria Rita Vella u Leonard Vella huma miżżewġin, dawn għandhom fis-seħħ bejniethom ir-reġim tas-separazzjoni tal-assi;

5. Huma saħqu li għalhekk l-mandat ta' sekwestru ma kellux jinħareġ kontra Maria Rita Vella u Deluxe Construction Co Ltd għaliex dawn m'għandhomx leġittimazzjoni passiva fir-rigward tal-pretensjoni ta' Maria Dolores Magro;

6. Fid-dawl ta' dawn ir-raġunijiet huma talbu lil din il-qorti jogħġobha:

> *«tirrevoka, tħassar u tikkanċella l-mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022 fl-intier tiegħu sa fejn dan jolqot lil Leonard Vella bħala proprjetarju fi ħdan Deluxe Construction Co Ltd [C9260] u Maria Rita sive Marita Vella [detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 66864(M)] u dan previa kull provvediment ieħor li jkun jidhrilha xieraq u opportun.*
>
> *B'riserva ta' kull jedd ieħor li jispetta lill-esponenti a tenur tal-artikolu 836 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, kompriż dawk għal penali u danni.*
>
> *Bl-ispejjeż.»*

7. B'digriet tagħha tad-**11 ta' Lulju, 2022**, il-qorti ordnat in-notifika tar-rikors ta' Leonard Vella u Maria Rita Vella lil Maria Dolores Magro, bi żmien sebat ijiem għan-nota bħala tweġiba għat-talbiet ta' Leonard Vella;

8. Wara li nħareġ il-mandat ġew depożitati erba' ċedoli ta' depożitu:

   i. fl-**4 ta' Lulju, 2022**, minn Bank of Valletta p.l.c. fl-ammont ta' €4,808.99;
   ii. fis-**6 ta' Lulju, 2022** minn APS Bank p.l.c. fl-ammont ta' €126,586.57;
   iii. fit-**12 ta' Lulju, 2022** minn HSBC Bank Malta p.l.c. fl-ammont ta' €494.49; u
   iv. wkoll fit-**12 ta' Lulju, 2022** minn BNF Bank p.l.c. fl-ammont ta' €5,063.39;

9. Imbagħad, fl-**10 ta' Awwissu, 2022**, Maria Dolores Magro ppreżentat it-tweġiba tagħha u fiha hija tat ir-raġunijiet tagħha għaliex ir-rikors ta' Maria Rita Vella u Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, m'għandux jintlaqa';

***Konsiderazzjonijiet***

10. Fit-talba tagħhom, Leonard u Maria Rita Vella qegħdin jitolbu lill-qorti biex tneħħi l-mandat safejn dan jolqot lil Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u lil Maria Rita Vella, skont l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** peress li fil-fehma tagħhom il-mandat inkwistjoni mhux *prima facie* ġustifikat kif maħruġ kontrihom għaliex huma m'għandhomx leġittimazzjoni passiva fir-rigward tal-pretensjoni li Maria Dolores Magro tgħid li għandha kontrihom;

11. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu, illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jenforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat;

12. Fi kliem ħafif, il-mandati katwelatorji qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill- kawża (ara ***Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;

13. F'dan il-każ, il-mandat kawtelatorju magħżul minn Maria Dolores Magro huwa dak tas-sekwestru kawtelatorju;

14. L-għan ta' mandat ta' sekwestru, kemm jekk wieħed eżekuttiv u kif ukoll jekk wieħed kawtelatorju, huwa dak fejn kreditur ikun irid iżomm li ma jgħaddux f'idejn id-debitur tiegħu, flus jew ħaġa mobbli li jkunu jinsabu f'idejn ħaddieħor (ara ***Jimcam Enterprises Ltd v. Charles Zammit et*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-7 ta' April, 2009);

15. Ma' dan però, jiżdied jingħad ukoll, li kif ġie mtenni mill-Qorti tal-Kummerċ fid-deċiżjoni tagħha ***Avukat Louis Cassar Pullicino nomine v. Dr. Yana Micallef Stafrace nomine*****,** mogħtija fit-13 ta' April, 1991, b'riferenza għall-ġurisprudenza preċedenti;

> *«Il-mandati kawtelatorji, appuntu għaliex isiru fi żmien meta l-kreditu jew pretensjoni għad ma jkunux ġudizzjarjament aċċertati u stabbiliti, huma odjużi u d-disposizzjonijiet tal-liġi dwarhom* ***<u>għandhom jirċievu interpretazzjoni rigoruża</u>****.»*

16. Wara kollox, għalkemm il-mandati kawtelatorji qegħdin hemm biex iservu ta' tarka għal min jippretendi li hu kreditur, però, dawn m'għandhomx jintużaw bl-addoċċ u lanqas m'għandhom jintużaw bi skop li jweġġgħu jew ipattu, aktar milli jikkawtelaw (ara ***Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-19 ta' Settembru, 2013);

17. Issa biex jitħassar mandat taħt l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** il-qorti trid tistħarreġ żewġ affarijiet: fl-ewwel lok, jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni; u fit-tieni lok jekk dan wasalx biex jillikwida tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat (ara ***Dr. Henri Mizzi pro et noe v. Jebmed Srl*** deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Settembru, 2019);

18. Dwar l-ewwel ħtieġa, il-qorti ttenni mingħajr ħafna tidwir mal-lewża, li mad-daqqa t'għajn ma jidhirx li Maria Dolores Magro għandha xi pretensjoni kontra Maria Rita Vella u Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd. Id-debitur li ffirma l-kuntratt ta' self datat 7 ta' Ottubru, 2013 kien biss Leonard Vella, li deher fuq dan il-kuntratt f'ismu personali u mhux ukoll f'isem il-kumpannija Deluxe Construction Co Ltd;

19. Imbilli Leonard Vella huwa sid tal-kumpannija hawn fuq imsemmija, dan ma jfissirx li din għandha tbati l-konsegwenzi minħabba d-dejn li Leonard Vella allegatament għandu ma' Maria Dolores Magro. Din il-qorti ma tistax tifhem għaliex din il-kumpannija, li hija entità ġuridika distinta għaliha (ara **artikolu 4(4) tal-Att dwar il-Kumpanniji**), kellha teħel ma' ras Maria Dolores Magro u tiġi milquta b'mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Il-kumpannija Deluxe Construction Co Ltd ma jidher li għandha l-ebda rabta ġuridika ma' Maria Dolores Magro, u għalhekk din tal-aħħar m'għamlitx sewwa meta hija talbet il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq Leonard Vella bħala sid ta' din il-kumpannija;

20. Hekk ukoll, għalkemm Leonard Vella u Maria Rita Vella huma miżżewġin, u għalhekk wieħed jifhem li Maria Dolores Magro setgħet assumiet li l-ammont li hija qiegħda tippretendi mingħand Leonard Vella huwa dejn fuq il-komunjoni tal-akkwisti li hemm bejniethom, mar-rikors li dwaru qiegħda tingħata deċiżjoni llum, ġie mehmuż att pubbliku datat 30 ta' Awwissu, 2011, li jgħid ċar u tond li bejn Leonard Vella u Maria Rita Vella hemm fis-seħħ ir-reġim tas-separazzjoni tal-

assi. Darba li, (i) Maria Rita Vella mhijiex firmatarja tal-kuntratt ta' self datat 7 ta' Ottubru, 2013, u (i) il-beni tagħha ilhom separati minn dawk ta' Leonard Vella sa mis-sena 2011, isegwi li Maria Rita Vella m'għandha l-ebda rabta ġuridika ma' Maria Dolores Magro, u għalhekk ma kien hemm l-ebda ħtieġa li din tiżżeffen fin-nofs fit-talba għall-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju;

21. Jiġi b'hekk, li l-ewwel ħtieġa biex jitneħħa l-mandat ta' sekwestru ġiet pruvata għaliex ma jirriżultax mad-daqqa t'għajn li Maria Dolores Magro għandha bażi ta' pretensjoni kontra Maria Rita Vella u Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd;

22. Darba li din l-ewwel ħtieġa ġiet pruvata minħabba n-nuqqas ta' pretensjoni ta' Maria Dolores Magro, din il-qorti m'għandhiex għalfejn tistħarreġ it-<u>tieni ħtieġa</u> biex jintlaqa' rikors imsejjes fuq l-**artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, għaliex il-bżonn li jsir dan l-istħarriġ jiddependi direttament fuq is-sejba tal-qorti li s-sekwestrant ikollu bażi ta' pretensjoni kontra s-sekwestrat;

23. Fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti ssib li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fuq talba ta' Maria Dolores Magro mhuwiex *prima facie* ġustifikat safejn dan jolqot lil Maria Rita Vella u Leonard Vella bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u għalhekk qiegħda tħassru safejn jolqot lil Maria Rita Vella u lil Leonard Vella, fil-kwalità hawn fuq imsemmija;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq imsemmija, din il-qorti qiegħda tiddeċiedi r-rikors tal-24 ta' Ġunju, 2022 billi <u>**tilqa'**</u> t-talba magħmula fir-rikors u b'hekk tħassar il-mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022 safejn dan jolqot lil Leonard Vella, bħala sid ta' Deluxe Construction Co Ltd, u lil Maria Rita Vella. Dan il-mandat ta' sekwestru għandu jibqa' fis-seħħ safejn jolqot lil Leoarnd Vella f'ismu personali, sakemm dan ma jiġix mħassar minn xi digriet ieħor ta' din il-qorti;

Il-qorti **<u>tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta mar-rikors hawn fuq imsemmi jitħallsu kollha kemm huma minn Maria Dolores Magro.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josepine Musu**
**Deputat Reġistratur**